

Brussell, 28 ta' Jannar 2021
(OR. en)

13918/1/20
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0373(NLE)

UK 117

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 841 final/2
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u fuq lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 841 final/2.

Mehmuż: COM(2020) 841 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2021
COM(2020) 841 final/2

2020/0373 (NLE)

COM(2020) 841 final of 14.12.2020 downgraded on 27.1.2021

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u fuq lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tippromovi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") dwar deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt biex jiġi emendat dak il-Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Il-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena jew fuq talba tal-Unjoni jew tar-Renju Unit u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda tiegħu b'kunsens reċiproku.

Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt huma stabbiliti fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-ħruġ u jikkonsistu prinċipalment minn:

- is-sorvelja tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati li jirrapportaw lilu;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inklużi emendi għall-Ftehim fil-każijiet previsti fih;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jista' jinqala' fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

F'konformità mal-Artikolu 171(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi, sa mhux aktar tard minn tmien il-perjodu ta' tranżizzjoni, lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura wkoll li l-lista tikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti mill-Ftehim dwar il-ħruġ fi kwalunkwe mument.

L-iskop tad-deċiżjoni prevista huwa li tiġi stabbilita l-lista ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bordijiet tal-arbitraġġ skont il-Ftehim dwar il-ħruġ.

Id-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti fuq il-Partijiet skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ. Skont ir-Regola 9 tar-Regoli ta' Proċedura, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt se jispeċifikaw id-data li fiha jidhru fis-seħħ.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-perjodu ta' tranżizzjoni previst skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Il-maġġoranza l-kbira tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, inklużi dawk dwar is-soluzzjoni tat-tilwim skont it-Titolu III tas-Sitt Parti, se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021. Huwa meħtieġ li tkun stabbilita lista ta' arbitri sal-1 ta' Jannar 2021 fil-każ ta' xi tilwima dwar l-interpretazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, peress li minn dak il-mument 'il quddiem kwalunkwe parti tkun tista' tirreferi t-tilwim għal arbitraġġ vinkolanti.

L-Unjoni u r-Renju Unit qablu b'mod konġunt dwar ħames persuni biex jaġixxu bħala president tal-bord ta' arbitraġġ. L-Unjoni u r-Renju Unit ipproponew kull wieħed 10 persuni għall-funzjoni ta' membri tal-bord ta' arbitraġġ.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha għalhekk tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 171(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ li jstabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi li jservu bħala arbitru skont il-Ftehim, f'konformità mal-abbozz ta' deċiżjoni meħmuż ma' din il-proposta.

Barra minn hekk, l-Unjoni għażlet riżerva ta' 17-il persuna li jistgħu jiġu kkuntattjati kif meħtieġ mill-Unjoni meta l-Kumitat Konġunt ser jaġġorna l-lista ta' 25 persuna f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 171(1).

4. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprovdi għal deċiżjonijiet li jstabbilixxu "il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Id-deċiżjoni li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta tikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previsti se jkunu vinkolanti għall-Partijiet skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-objettiv u l-kontenut tal-att previst jirrigwardja l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-lista ta' persuni li huma lesti u kapaċi li jservu bħala membri tal-bordijiet tal-arbitraġġ skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-konklużjoni tal-Ftehim kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-iskop tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt huwa li tiġi stabbilita lista ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bordijiet tal-arbitraġġ skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, huwa xieraq li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u fuq lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-ħruġ") ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 171(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Komitat Konġunt għandu jistabbilixxi, sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ, lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ. Il-Komitat Konġunt għandu jiżgura li l-lista tkun konformi ma' dawn ir-rekwiżiti fi kwalunkwe mument.
- (3) Skont l-Artikolu 171(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ, il-lista għandha tikkonsisti biss minn persuni li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom, li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa għall-ħatra tal-ogħla kariga ġudizzjarja fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jew li jkunu ġurikonsulti ta' kompetenza rikonoxxuta, u li jkollhom għarfien speċjalizzat jew esperjenza tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt internazzjonali pubbliku. Il-lista ma għandhiex tinkludi persuni li jkunu membri, uffiċjali jew aġenti oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-gvern ta' xi Stat Membru, jew tal-gvern tar-Renju Unit.
- (4) L-Unjoni u r-Renju Unit ipproponew b'mod konġunt ħames persuni għall-pożizzjoni ta' president tal-bord ta' arbitraġġ, u pproponew għaxar persuni għall-kariga ta' membru tal-bord ta' arbitraġġ,

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 29, 31.1.2020, p.1).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt.
- (6) Huwa xieraq ukoll li tiġi stabbilita ġabra ta' riżerva ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ u li jistgħu jiġu kkuntattjati sabiex il-lista ta' 25 persuna tinżamm aġġornata min-naħa tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni fl-Anness I.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Komitat Konġunt li jieħu d-deċiżjoni msemmija fis-subparagrafu ta' hawn fuq għandha tkun li jingħata appoġġa għall-idea li mal-minuti ta' dik il-laqgħa tiġi meħmuża nota li tistabbilixxi l-proċeduri għan-nomina ta' presidenti futuri fil-lista ta' presidenti tal-bord ta' arbitraġġ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, kif stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 2

Lista ta' riżerva ta' persuni li jistgħu jiġu proposti mill-Unjoni fil-futur biex jimlew il-postijiet battala fil-lista ta' 25 persuna, hija stabbilita kif stipulat fl-Anness III.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*